# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 720/97

Alfred Attard

vs

Brigadier Forzi Armati ta' Malta

Illum 15 ta' Mejju, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta tas-sena 1992, ir-rikorrent sofra ingustizzja peress li ma nghatax il-promozzjoni li kien haqqu.

Illi l-fatti tal-kaz kienu kif gej:-

1. Illi ir-rikorrent gie ngaggat fl-Armata fis-sena 1958 bhala Junior Leader.

2. Illi mas-sena 1961 ir-rikorrent dahal regolarment mal-Armata fil-grad ta' gunner.

3. Illi bejn is-snin 1978 u 1988 ir-rikorrent inghata diversi promozzjonijiet ghall-lance bombardier u mbaghad ghall-surgent.

4. Illi ghal dawn l-ahhar ghaxar (10) snin ir-rikorrent ilu stazzjonat mal-Air Defence Battery.

5. Illi ir-rikorrent dejjem ghamel xogholu sew u b'sens ta' responsabilita'.

6. Illi minkejja dak kollu suespost u minkejja l-kwalifiki u seniority ta' ir-rikorrent, fis-sena 1992 ir-rikorrent gie negat promozzjoni ghall-staff sergeant, u minflok l-istess promozzjoni nghatat lill-surgenti b'anqas kwalifiki, seniority u esperjenza (Dok A).

7. Illi ir-rikorrent sar staff sargeant biss fis-sena 1996.

8. Illi in konsegwenza f'dawn l-erbgha snin, ir-rikorrent tilef is-seniority u sofra danni finanzjarji.

   Illi huwa kien bi hsiebu jgib, sabiex isostni l-ilment tieghu, lix-xhieda murija fl-elenku anness, li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dan l-ilment u dan skond l-att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jinghata l-promozzjoni ghall-staff seargeant b'effett mis-sena 1992 u li jigi kkumpensat ghat-telf finanzjarju jew jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens ta' mhux aktar minn Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent flimkien mad-dokumenti annessi.

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa:

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi r-rikors promotur huwa inammessibbli fit-termini ta' l-artikolu 5(3) (b) ta' l-Att VIII ta' l-1997 peress illi r-rikorrent naqas li jipprevalixxi ruhu mill-mezz ta' rimedju provdut fl-artikolu 161 ta' l-att dwar il-Forzi Armati.

Illi jidher li fil-promozzjonijiet li saru b'effett mill-20 ta' Jannar 1992 dawk li gew promossi u li kienu ***junior*** tar-rikorrent kienu kollha ikkwalifikati aktar mir-rikorrent hlief wiehed.

Illi jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkommandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ta' dak iz-zmien u

stante li l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita' u kwalifiki biss, izda primarjament abbazi ta' efficjenza kif ukoll abbazi ta' ghazla biex timtela vakanza, dejjem skond ir-regolamenti applikabbli, cioe' l-Avviz Legali Nru 91 tal-1970 u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent,wahdu ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni, preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Ghaldaqstant ghar-raguni fuq premess, fl-ewwel lok, dan it-Tribunal ghandu jiddiklina li jezercita il-gurisdizzjoni tieghu u subbordinatament ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi  fil-15 ta' Gunju, 1999 l-intimat irtira l-eccezzjoni bbazata fuq l-artikolu 161 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati.

Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti msemmija fir-rikors.  Wara li semma l-kwalifiki li kellu zied li b'dawn it-

trades kellu bizzejjed kwalifiki biex jiehu promozzjoni ghal staff sargeant. Semma li saru persuni ohra li kellhom anqas seniority minnu u anki kwalifiki. Fost dawn semma lis-Sgt. Victor Pace li kellu trades anqas minn tieghu kif ukoll l-Education.

Lt. Col. Schembri ipprezenta lista ta` promozzjonijiet li saru fit-tieni regiment b` effett mit-2 ta` Jannar 1992. Isem ir-rikorrent jidher l-ewwel wiehed fil-lista mhux ghax ha promozzjoni izda biex tidher postu fis-seniority.

Semma li mill-lista ezibita jirrizulta li lir-rikorrent qabzuh sebgha minn nies in kwantu ghal seniority. Dwar dan sitta minnhom huwa evidenti li kellhom level of education aktar minn tar-rikorrent, dawk li jgibu l-Class 1 hdejhom. Dak li jidher ezatt wara isem ir-rikorrent, Pace Victor, ma kienx jaghmel parti mill-Air Defence Battery imma kien imexxi l-Plant Troop li llum qegheda f` regiment differenti. Qabel kienu jiffurmaw zewg sezzjonijiet, kemm l-Air Defence Battery u l-Plant Troop parti mit-tieni regiment, illum qieghdin separati. Ix-xoghol li jaghmlu t-tnejn minn nies vuol dire Alfred Attard u Pace Victor huwa totalment differenti u wiehed ma jistax jaghmel ix-xoghol ta` l-iehor. Bejn Alfred Attard u Pace Victor hemm hames surgenti ohrajn li wkoll ghandhom class 2 Education u numru ta` trades li jvarja minn 4 sa 3 u wkoll ma sarux. Dawk li ma sarux anqas huma ma kienu jahdmu fejn fil-fatt jahdem u ghadu jmexxi l-post Victor Pace.

Attard Alfred kien rakkomandat u dan "well above his rank and service." Din kienet endorsed ukoll. Mhux kull min ikollu r-rakkomandazzjoni fl-ewwel zewg stadji bilfors irid isir. Jiddependi mill-vacancies li jkunu jezistu fid-diversi sezzjonijiet. Ir-rikorrent sar fl-ewwel promotion exercise li kien imiss wara l-1992, li fil-fatt kien fl-1996 ghax kienu jezistu vakanzi mbaghad.

Ikkunsidra

Illi dwar seniority fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Meta wiehed ihares lejn l-iskeda a fol 27 tal-process jidher car li lir-rikorrent qabzuh 7 li minnhom 6 kellhom Army Certificate of Education Class 1 u wiehed Class 3 meta r-rikorrent kellu Class

2. Bl-istess kriterju li l-intimat irid jiggustifika l-pusizzjoni tieghu li dawk is-6 li kellhom kwalifiki ahjar kien haqqhom jaqbzuh, bl-istess kriterju hu ma kellux jinqabez minn nin kellu Class 3. Dwar trades dawn huma komparabbli. Kien jinkombi fuq l-intimat jaghti ragunijiet validi jew negattivi fir-rikorrent jew posittivi fuq is-Surgent Victor Pace li juggistifikaw li Attard jinqabez. Fil-fatt ir-rikorrent kien anke recommended. L-unika gustifikazzjoni tal-intimat kienet fuq it-tip ta' xoghol differenti. Fil-fehma tat-Tribunal dan ma jiggustifikax li r-rikorrent jinqabez minn 7. Isib li tirrizulta ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat, u jilqa' t-talba tar-rikorrent, u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Staff Sergeant b'effett mill-20 ta' Jannar, 1992 u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.